**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**
**vs**
**Iwezu Tony**

**Illum 11 t'Awwissu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Iwezu Tony, detentur tal-passaport Nigerjan b'numru A07819193.

Akkuzat talli fl-10 t'Awwissu, 2020 u jew fil-granet ta' qabel f'Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 11 t'Awwissu, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', stqarrija tal-imputat datata 10 t'Awwissu, 2020 mmarkata bhala Dok FS1; kopja tal-passaport tal-imputat immarkat bhala Dok FS2; kopja tal-karta tal-identita' Spanjola mmarkata bhala Dok FS3; forgery and falsification form immarkata bhala Dok FS4; okkorrenza mmarkata bhala Dok FS5; e-ticket tal-ajru mmarkat bhala Dok FS6; rapport tal-FSL immarkat bhala Dok FS7; dokument allegatament falz esebit animo ritirandi mmarkat bhala Dok FS8.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-11 t'Awwissu, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat **Iwezu Tony** u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Iwezu Tony** hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**